MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 283/2007

**Emmanuel Grech ghan-nom, fl-interess u in rappresentanza tal-kumpanija Mediterranean Company Limited (C27776)**

***kontra***

**Mare Blu Tuna Farm Company Limited (C20565)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta` Marzu 2007 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` Mediterranean Company Limited hija l-proprjetarja tal-bastiment tat-tkarkir, bl-isem "Marzaiola" bin-numru MFA346 u tezercita x-xoghol ta` tkarkir f`zona stabilita ta` cirka hames mili (5 mili), determinata mit-Taqsima tal-Affarijiet Veterinarji u tas-Sajd u l-Akwakultura fid-Dipartiment tal-Corporate Services fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ;*

*2. Illi bejn ix-xhur ta` Settembru u Novembru 2006 l-istess socjeta` kienet impeduta milli tezercita dan is-sajd taghha fl-ispazju ffissat u dana peress illi s-socjeta` Mare Blu Tuna Farm Company Limited kontra l-ligi dolozament u bi hsieb li taghmel hsara u tinkwina l-ambjenti fejn issir is-sajd, tefghet f`dan l-ispazju l-iskart u l-fdalijiet bhal irjus u hmieg iehor tal-hut (tonn) bir-rizultat li bl-agir irresponsabbli tal-istess socjeta` l-qabda tal-hut tal-istess socjeta` attrici giet limitatata drastikament, tant li l-istess socjeta` kellha wara xi zmien tibdel iz-zona tas-sajd taghha ghal post iehor ;*

*3. Illi dan l-agir tal-istess socjeta` konvenuta li titfa` dan l-iskart mhux fil-post stabbilit ghar-rimi imma f`spazju identifikat u ristrett ghas-sajd, ikkawza danni ngenti lis-socjeta` attrici konsistenti f`danni materjali kif ukoll telf ta` qligh, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-istess kawza.*

*Tghid l-istess socjeta` intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjarha responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-agir dolus u rresponsabbli taghha fir-rimi ta` dan l-iskart tat-tonn;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjeta` attrici, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi kwalita` ta` lucrum cessans u telf ta` xoghol u qligh;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-socjeta` attrici d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta` Ottubru 2006 u bl-ingunzjoni tal-istess socjeta` konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka.*

*Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur nomine u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-3 ta` April 2007 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament l-isem tas-socjeta` konvenuta m`hijiex Mar Blu Tuna Farm Company Limited izda Mare Blu Tuna Farm Company Limited ;*

*2. Illi l-attur nomine naqas milli jindika ghal liema zona qed jirreferi fejn jezercita x-xoghol tieghu ta` tkarkir. Illi m`huwiex bizzejjed li jindika din iz-zona bhala zona 'determinata mid-Dipartiment tal-Affarijiet Veterinarju u tas-Sajd u l-Akwakultura fid-Dipartiment tal-Corporate Services fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent' ;*

*3. Illi l-attur m`huwiex il-legittimu kontradittur stante illi m`huwiex l-awtorita` kompetenti sabiex jinvestiga u jiddetermina jekk sarx xi nkwinament jew xi*

*forma ta` tniggiz iehor kif allegat minnu. Se mai d-Dipartiment tal-Affarijiet Veterinarju u tas-Sajd u l-Akwakultura fid-Dipartiment tal-Corporate Services fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ghandu jistabilixxi dan formalment u mbaghad l-attur nomine jkollu jedd jistitwixxi kawza bhal din kontra min qed jallega ghamel l-inkwinament ;*

*4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba li s-socjeta` konvenuta tichad kategorikament li hija responsabbli ghat-tniggiz f`kwalunkwe zona stabbilita ghas-sajd mid-Dipartiment hawn fuq imsemmi, kif allegat mill-attur, jew f`xi zona ohra ;*

*5. B`rizerva ghal eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-atturi, komprizi dawk tar-risposta ta` l-ittra ufficjali datata 17 ta` Novembru 2006.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija konvenuta u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-30 ta` April 2007 fejn, riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, laqghet it-talba ta` l-attur noe ghal korrezzjoni fl-isem tal-kumpannija konvenuta fis-sens illi minflok “Mar Blu Tuna Farm Company Limited” tigi taqra “Mare Blu Tuna Farm Company Limited”.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur noe u d-dokumenti li kienu annessi ma` dik ix-xiehda (fol 23 sa fol 33).

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Francis Caruana (fol 38 sa fol 41) fl-udjenza tas-16 ta` Jannar 2008 quddiem din il-qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Massimo Cappitta (fol 46) fl-udjenza tat-18 ta` April 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Dr. Anthony Gruppetta (fol 54) fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.
.

Semghet lill-istess Dr. Anthony Gruppetta jixhed quddiemha fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud (fol 63 sa fol 94).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-27 ta` Mejju 2010 fejn iddikjarat maghluq l-istadju tal-provi tal-attur noe.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` John Sebastian Cappitta (fol 103 sa fol 104).

Semghet il-kontroezami ta` John Sebastian Cappitta fl-udjenza tas-17 ta` Marzu 2011 (fol 108 sa fol 126).

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat illi hija f`qaghda li taghti sentenza llum.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Din il-Qorti **<u>mhijiex sejra tiehu aktar konjizzjoni ta` din l-eccezzjoni</u>** billi ma hemmx aktar skop ghaliha wara li bid-digriet taghha tat-30 ta` April 2007, din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba ta` l-attur noe ghal korrezzjoni fl-isem tal-kumpannija konvenuta sabiex minn "*Mar Blu Tuna Farm Company Limited*" jigi jaqra "*Mare Blu Tuna Farm Company Limited*".

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>It-tielet eccezzjoni</u>**

Mhuwiex ir-rwol tal-Qorti illi taghmel investigazzjoni amministrattiva jew penali tal-incident li wassal ghal din il-kawza. U lanqas ma hija qeghda tintalab mill-attur noe biex taghmel hekk. Il-kompitu taghha huwa li tistabilixxi jekk abbazi tal-kawzali attrici hemmx responsabilita` ghal danni ta` l-kumpannija konvenuta fil-konfront tal-kumpannija attrici fil-kuntest tac-cirkostanzi tal-kaz. Jekk din ir-responsabilita` tirrizulta, fil-kaz tal-lum, skond l-attur noe, *minhabba l-agir doluz u rresponsabbli fir-rimi tal-iskart tat-tonn,* allura l-Qorti tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni u ghall-kundanna tal-hlas tad-danni. Ladarba l-kumpannija attrici qeghda tallega illi kienet il-kumpannija konvenuta – **<u>u hadd aktar</u>** – b`agir doluz u rresponsabbli kkagunat tniggiz tal-bahar illi kagun tieghu tghid illi garrbet danni, allura bla dubju hija l-kumpannija konvenuta l-legittima kontradittrici tal-kumpannija attrici fit-tip ta`

azzjoni illi tal-ewwel intavolat. **<u>It-tielet eccezzjoni qeghda ghalhekk tkun respinta</u>**.

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>L-ewwel talba</u>

L-ewwel talba attrici hija l-pern tal-istanza. It-tieni u r-raba` eccezzjonijiet huma t-twegiba fil-mertu tal-kumpannija konvenuta.

### i) <u>Provi</u>

**<u>L-attur</u>** xehed illi l-bastiment tat-tkarkir (trawler) *Marzaiola* jahdem kullimkien minn tlett mili `l barra minn Malta. Bejn Settembru u Novembru 2006, it-trawler kien madwar hames mili `l barra minn Malta fin-naha ta` Marsakala. Kif bdew ikarkru, mal-hut bdew telghin mill-bahar ukoll irjus tat-tonn - whud friski u ohrajn jintnu. Dawn tal-ahhar spiccaw nitnu l-hut li kienu qabdu. Tellghu x-xbiek diversi drabi u kull darba bdew itellghu l-irjus tat-tonn. Billi dawk l-inhawi kienu inkwinati b`dawk il-fdalijiet tat-tonn, tellghu x-xbiek u marru jistadu madwar hames mili `l barra minn Delimara. Gara pero` illi sa ghaxar mili `l barra minn Delimara baqghu jaqbdu l-irjus tat-tonn. Meta bdew ikarkru, id-distanza taghhom mill-gageg tat-tonn tal-kumpannija konvenuta (`il quddiem tissejjah “Mare Blu”) kienet 35/53/10 u 14/40/50. L-inhawi fejn tellghu l-irjus tat-tonn huwa maghruf ghal sajda tajba. L-attur indika l-kordinati fejn bdew itellghu l-irjus tat-tonn. Qrib ta` fejn kienu qeghdin ikarkru, kien hemm biss il-gageg tat-tonn tal-Mare Blu. Sar rapport lid-Dipartiment tas-Sajd fis-6 ta` Ottubru 2006. Lejn nofs l-2007, regghu marru jistadu fl-istess inhawi fejn kienu tellghu l-rjus tat-tonn, u dan id-darba is-sajda giet ghan-normal.

**Francis Caruana** mid-Dipartiment tas-Sajd xehed dwar l-ilment li kellu minghand l-attur wara li dahal il-pixkerija bit-trawler. Huwa ra fuq it-trawler l-irjus u l-bicciet tat-tonn li lmenta dwarhom l-attur. Ikkonferma li r-ritratti minn fol 4 sa fol 7 huma l-bicciet tat-tonn li ra fuq it-trawler. L-attur ilmenta mieghu darbtejn : l-ewwel darba ma kellu xejn fuq it-trawler, waqt illi t-tieni darba kien hemm il-fdalijiet li jidhru fir-ritratti. Dan tal-ahhar kien fit-30 ta` Settem,bru 2006.

**Massimo Cappitta** direttur ta` Mare Blu xehed li huma jaghmlu tuna-farming f`gageg li qeghdin barra Marsaskala bil-permessi tal-awtorita` kompetenti. Imbeghdin minnhom bejn hames mitt metru u mil boghod hemm gageg ta` kumpanniji ohra. Ma kellhomx ilmenti dwar fdalijiet ta` tonn mejjet minn taghhom li spicca l-bahar. Jaf pero` b`ilment dwar tonn mejjet ta` haddiehor.

**Dr. Anton Gruppetta** Direttur Generali – Taqsima ta` Regolament Veterinarju, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd – fil-Ministeru Ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali xehed illi fl-20 ta` Gunju 2006 il-MEPA kienet tat lil Malta Centre for Fisheries Sciences *full development permission* 00087/04 ghad-*development of an Aquaculture Zone south-east of Malta* sitt kilometric `l barra minn Xrobb l-Ghagin limiti ta` Marsaxlokk (Dok AG1). Mare Blu inghatat permess sabiex b`effett mid-19 ta` Lulju 2006, tqieghed *anchors and install cages to operate a tuna farm in subzone C in the North East corner of the approved Aquaculture Zone.* Mare Blu inghat il-*co-ordinates* ghall-*anchorage area* u l-*co-ordinates* ghas-*surfacve collars of the cages* (Dok AG2). Ix-xhud esebixxa abbozz ta` ftehim dwar *fish farming concession within the Aquaculture Zone* bejn id-Dipartiment u Mare Blu li kellu ighodd ghal hames snin b`effett mill-1 ta` Mejju 2007 (Dok AG3). Esebixxa l-*mooring plan* tal-*fish farm* ta` Mare Blu (Dok AG4). Fuq it-tieni pagna ta` Dok AG4, ix-xhud indika bl-ahmar iz-zona ta` Mare Blu. Ipprezenta Dok AG5 li juri l-postijiet fejn instabu l-irjus tat-tonn in kwistjoni u d-distanzi mill-kosta. F`dik iz-zona partikolari ma hemm l-ebda *fish farming*

*concession* pero` f` "*termini ta` bahar*" (kliem ix-xhud), fiz-zmien tal-kaz, kien hemm vicin il-Mare Blu u Ta` Mattew Tuna Farms Ltd. Ipprezenta wkoll kopja tar-rapport li sar mill-attur wara li mal-hut tella` wkoll l-irjus tat-tonn (Dok AG6). L-ispezzjoni saret fit-30 ta` Settembru 2006 hekk kif l-attur dahal il-pixkerija waqt li r-rapport formali ffirmat minn Francis Caruana jgib id-data tas-6 ta` Ottubru 2006. Ir-ritratti ttiehdu minn Francis Caruana.

**<u>Dr. Gruppetta</u>** kompla jixhed illi qabel hareg il-*full development permission* fuq riferit ir-rimi tal-iskart tat-tonn kien isir f`punti partikolari tal-bahar indikati mill-MEPA. Pero` wara li hareg il-permess, il-procedura tar-rimi tal-iskart inbidlet ghal kollox, anke minhabba legislazzjoni internazzjonali, fis-sens illi kien vjetat illi jsir rimi fil-bahar. Fil-prattika pero` r-rimi baqa` jsir xorta bhal qabel ghaliex il-facilitajiet ta` rimi fuq l-art baqghu ma tlestewx sal-ahhar tal-2008 meta beda jiffunzjona l-incineratur tal-Marsa.

**<u>Dr. Gruppetta</u>** kompla jixhed illi l-qtil tat-tonn isir mill-koncessjonarju bhall-Mare Blu pero` l-ipprocessar tat-tonn u cioe` it-tnehhija ta` kull ma jkunx mehtieg mill-huta, it-tqattiegh taghha, l-iffrizzar u xoghol iehor relatat isir fuq vapuri ohra ta` kumpanniji apposta fil-bahar ta` madwar il-farm xi kilometru jew ftit aktar boghod. L-iskart jiddisponi minnu l-koncessjonarju. Qabel sar l-incineratur, Mare Blu kien ighid illi l-iskart kien jibghatu Spanja biex isir ikel ghall-qtates.

**<u>Dr. Gruppetta</u>** stqarr illi fl-erba` xhur ta` bejn Settembru u Dicembru jsir il-harvesting tat-tonn fil-farms kollha u tistax tiddistingwi t-tonn ta` farm minn iehor.

**<u>Dr. Gruppetta</u>** spjega illi l-ilment tal-attur noe ma kienx investigat mid-Dipartiment billi sar tkarkir kommissjonat mid-Dipartiment sabiex jigi verifikat jekk kienx fadal skart. Ghax gara li mar haddiehor jistad fl-istess zona bit-tkarkir u ma nsab l-ebda skart. L-irjus tat-

tonn huma bio-degradabbli u ghalhekk wara certu zmien jispiccaw ghal kollox.

Dwar il-kwantita` li tella` l-attur, **ix-xhud** qal hekk (fol 92) –

*… in-numru ta` rejus li telghu huma numru li ghas-sajjied huma hafna bhala kwantita` mal-qabda tal-hut illi kellu. Pero` meta naraw dak l-irjus in konfront ta` x`jinqatel huma relattivita` ta` xi haga insinjifikanti.*

**Ikkonferma** li l-uniku ilment kontra l-Mare Blu sar mill-attur noe. Ma kien hemm l-ebda ammissjoni da parti ta` Mare Blu illi tefghu l-irjus il-bahar.

**John Sebastian Cappitta**, direttur ta` Mare Blu, cahad illi l-iskart li jidher fir-ritratti esebiti mill-attur noe mar-rikors promotur ntrema` l-bahar mill-kumpannija tieghu. Dan ghaliex ghalkemm meta ssir il-qatla tat-tonn, ta` bilfors jigi generat l-iskart, Mare Blu kienet hasbet biex, minflok jintrema` l-bahar f`postijiet li kienu indikati mill-awtoritajiet kompetenti, l-iskart jitghabba fuq vapuri apposta biex jittiehed Spanja fejn ikun isir ikel ghall-qtates. B`dan il-fatt kien infurmat id-Dipartiment tas-Sajd. Wara Dicembru 2008 meta beda jopera l-incineratur tal-Marsa, Mare Blu bdiet tibghat hemm l-iskart tat-tonn.

Fil-**kontroezami**, **ix-xhud** stqarr illi l-*harvesting* tat-tonn isir fil-gageg, il-huta tinbiegh *ex farm* lill-akkwirent jew rapprezentanti tieghu, li mbaghad jiehu hsieb il-qatla fuq vapuri apposta addetti mill-ipprocessar. Dawn ipoggu l-iskart fil-boroz li jingabru bid-dghajjes minn Mare Blu li mbaghad tghabbihom fuq il-vapuri li johduhom Spanja. Hekk kien isir qabel beda jahdem l-incineratur tal-Marsa. Il-process kollu jiehu temp ta` minn erba` sa jew hames sighat. Il-farm tat-tonn beda jopera fis-16 ta` Settembru 2006.

## ii) **Risultanzi**

Fl-istadju tal-gbir tal-provi, l-attur indika z-zona fejn kien qieghed jistad bit-tkarkir meta tella` l-irjus tat-tonn mas-sajda. U l-ko-ordinati li ndika sar id-Dok AG5 a fol 79. **Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qeghda tkun respinta**.

Dwar il-mertu tal-ewwel talba, li ghaliha l-kumpannija konvenuta wiegbet bir-raba` eccezzjoni, din il-Qorti tghid illi fis-succint tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Zammit vs Petrococchino noe**" deciza fil-25 ta` Frar 1952 (Vol XXXVI.I.319) jinghad hekk –

***Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.***

Imbaghad fil-korp tas-sentenza, il-Qorti tal-Appell tghid hekk –

***… hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-Powell "On Evidence" p.487 – "In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty' ; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between the two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man ; and such conviction must be based upon the <u>facts proven by express evidence</u> and on the inferences which naturally and 'probably' arise from them …***

***It-Taylor (Law of Evidence, Vol.1 page 2) ighid hekk – " … In trials of fact, the true question is not whether it is possible that the testimony may be false, but whether there is '<u>sufficient probability</u>' of its truth …***

***Fil-ktieb "Cockie`s Cases and Statutes of the Law of Evidence" pg.141 l-istess jinghad – "a civil claim may be proved by '<u>preponderance</u> <u>of evidence</u>' …*** (sottolinear ta` din il-qorti)

Dan premess, hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti, wara illi qieset l-assjem tal-provi, illi l-attur noe ma ppruvax l-ewwel talba b`***<u>facts proven by express evidence</u>.*** L-allegazzjonijiet tieghu diretti fil-konfront ta` Mare Blu kienu karenti ghal dik ***<u>sufficient probability</u>'***. Lanqas din il-Qorti ma rriskontrat ***'<u>preponderance of evidence</u>'*** kontra Mare Blu. Ghalhekk ma jistax ikollha c-certezza morali dwar l-fondatezza tal-atti li l-attur noe qieghed jimputa specifikament lil Mare Blu.

Din il-Qorti qeghda ssostni dan kif gej –

1) Irrizulta illi meta dahal il-pixkerija fit-30 ta` Settembru 2006, il-*Marzaiola* kellu taghbija mhux biss ta` hut izda anke ta` fdalijiet ta` tonn.

2) Mhuwiex kontestat illi l-fdal tat-tonn illi gabar it-trawler waqt is-sajda fil-lokalita` li taghha ndikat il-ko-ordinati hassar il-qabda tal-hut.

3) Daqstant iehor mhuwiex kontestat illi dik kienet l-<u>unika</u> okkazjoni fejn l-attur noe rrapporta li l-qabda tal-hut mit-trawler tieghu sfat inkwinata minn skart ta` tonn ta` Mare Blu.

4) Mare Blu cahdet l-allegazzjoni ta` inkwinament.

5) Kien jinkombi lill-attur l-oneru tal-prova skond il-ligi tal-allegazzjoni tieghu fit-termini tal-kawzali u tat-talba tieghu. Din il-Qorti qeghda tinsisti fuq dan in vista tal-fatt illi waqt li fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu l-attur noe telaq mill-premessa illi l-azzjoni tieghu hija fondata fuq l-Art.1031 u l-Art.1032 tal-Kap.16 u cioe` l-*culpa aquiliana*, kemm fil-kawzali kif ukoll fl-ewwel talba, l-attur noe qieghed jimputa d-danni li garrab ghal *dolo* da parti ta` Mare Blu. U allura l-attur noe kien obbligat jaghmel dik il-prova.

6) Lejn it-Tramuntana taz-zona fejn it-trawler tal-attur noe mar jistad bit-tkarkir u tella` l-iskart tat-tonn hemm l-*Apprved Aquaculture Zone.*

7) Dak iz-zmien, fiz-zona kien hemm il-harvesting farms ta` Mare Blu u ta` Ta` Mattew Tuna Farms Limited – li mhijiex parti fil-kawza tal-lum. Irrizulta preciz fejn kellha Mare Blu l-permess illi topera. Baqa` ma rrizultax fejn Ta` Mattew Tuna Farms Limited kellha l-permess illi topera.

8) Huwa evidenti li l-attur noe imputa l-hsara li garrab lil Mare Blu, mhux ghaliex seta` jidentifika l-fdal tat-tonn ma` Mare Blu, lanqas ghaliex ra l-gageg ta` Mare Blu fl-inhawi ta` fejn kien qieghed jistad, izda ghaliex, skond hu, wara li ghamel rapport lill-awtorita` governattiva koncernata xi hadd minn dik l-awtorita` qallu li Mare Blu kienet accettat responsabilita` ghal li kien gralu. Din l-istqarrija tal-attur noe hija kategorikament michuda mhux biss mir-rapprezentanti ta` Mare Blu izda anke minn Dr. Anthony Gruppetta u Francis Caruana li mill-awtorita` governattiva koncernata xehdu f`din il-kawza.

9) Anke fl-isfond tad-dokumenti prezentati minn Dr. Anthony Gruppetta, il-ko-ordinati wahedhom indikati mill-attur noe ma jwasslux ghal rabta tal-fdal tat-tonn li gabar l-attur mas-sajda ma` Mare Blu. Kif del resto lanqas ma` jwasslu ghal *nexus* ma` haddiehor. Issir riferenza ghad-deposizzjoni ta` Dr. Anthony Gruppetta fejn sostna illi fl-erba` xhur ta` bejn Settembru u Dicembru meta jsir il-*harvesting* tat-tonn fil-farms kollha, ma tkunx tista` tiddistingwi t-tonn ta` farm minn ta` iehor.

10) Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-attur noe ghamel rassenja tad-dottrina u tal-gurisprudenza dwar l-elementi tal-*culpa.* Skond l-ewwel talba, huwa evidenti li l-imputazzjoni tal-attur noe kontra Mare Blu ghall-hsara li garrab mhijiex fondata fuq *culpa* izda fuq *dolo*. Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi abbazi tal-assjem tal-provi akkwiziti, l-attur noe mhux biss ma ghamilx il-prova tal-*culpa* u cioe` ma ghamilx il-prova tan-ness ta` kawzalita` bejn l-allegat fatt kolpuz u l-event dannuz izda wisq anqas ressaq il-prova aktar gravuza tad-*dolo* da parti ta` Mare Blu. L-ghazla li jmur ghad-*dolo* kienet tal-attur noe. Eppure din il-prova ma saritx.

11) Mhijiex kontradetta Mare Blu meta tafferma illi qabel ma beda jopera l-inceneritur tal-Marsa f`Dicembru 2008, l-iskart tat-tonn *harvested* minnha kien jintbaghat Spanja fuq vapuri apposta biex jigi trasformat f`ikel ghall-qtates. Anzi Dr. Anthony Gruppetta kkonferma li hekk kien isir. Kif del resto accetta li in linea generali illi sa Dicembru 2008, meta beda jopera l-inceneritur tal-Marsa, l-iskart tat-tonn baqa` jintefa` f`postijiet specifici fil-bahar, kif kien permess li jsir qabel l-2006, ghalkemm wara l-2006 kien hemm divjet mil-ligi. Eppure Mare Blu ghamlet il-prova li l-iskart taghha ma kienx jintefa` l-bahar fiz-zmien li dwaru ilmenta l-attur noe. U dwar dan mhijiex kontradetta.

12) Lanqas fuq il-mapep esebiti ma wiehed jasal biex isib prova oggettiva ta` dak illi l-attur noe qieghed

jimputa lil Mare Blu. In partikolari, issir riferenza ghal fol 77 u ghal fol 79. Il-mappa a fol 77 turi fid-dettall dik il-parti tal-kosta li tiehu minn Marsaskala lejn Xrob l-Ghagin. Markata bl-ittri MB bl-ahmar minn Dr. Anthony Gruppetta hemm il-farm ta` Mare Blu. Jekk tiehu bhala marka l-ponta fil-blat ta` quddiem it-Torri ta` San Tumas, il-farm tat-tonn ta` Mare Blu jinsab fil-Grigal ta` dik il-ponta. Il-mappa a fol 79 turi l-postijiet fejn l-attur ighid illi qabad l-iskart tat-tonn mas-sajda tieghu. Jekk terga` tiehu bhala l-istess marka ta` qabel issib illi l-iskart instab fil-Lvant tal-ponta kwazi kwazi fil-limiti tal-*Approved Aquaculture Zone*, fejn huwa pruvat illi kien hemm operanti dak iz-zmien *harvesting farm* iehor ta` kumpannija ohra u cioe` Ta` Mattew Tuna Farms Limited. Fuq l-iskorta ta` dawn il-provi oggettivi, din il-Qorti ma tistax tghaqqad propju lil Mare Blu ma` dak l-iskart fuq bazi ta` probabilita`.

13) F`dan il-kaz jibqghu minghajr twegiba diversi kwesiti fosthom : x`inhi l-prevalenza tal-kurrenti f`dawk l-inhawi ? X`direzzjoni kien ir-rih dakinhar tas-sajda ? X`qawwa u direzzjoni kellu l-imbatt jekk kien hemm dakinhar ? Ladarba l-iskart tat-tonn huwa bio-degradabbli kemm jiehu zmien biex jigi fix-xejn? F`liema direzzjoni kienu posizzjonati l-processing ships wara li t-tonn ittella abbord ?

14) **Din il-Qorti ma tistax taghti decizjoni fuq possibilitajiet. U minghajr provi konklussivi ma tistax tibdel possibilitajiet fi probabilitajiet.**

**<u>Din il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` r-raba` eccezzjoni u tichad l-ewwel talba</u>**. Kwindi qeghda tichad ukoll it-tieni u t-tielet talbiet li huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni.**

**Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni.**

**Tichad it-talbiet attrici.**

**Tikkundanna lill-attur noe sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------